MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2003

Numru. 136/2003

Il-Pulizija
(Sp Pierre Micallef Grimaud)
vs
Pierre Mifsud, iben Joseph,
imwieled Attard [Identity Card
no. 170767(m)]

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fis-7 ta’ settembru, 2002 għal ħabta tat-8.30 p.m.
fil-Belt, Valletta –
1. volontarjament kiser il-paċi pubblika u il-bon ordni b’għajjat u ġlied;
2. qal fil-pubbliku kliem indeċenti u oxxen;
3. ħebb għal France Azzopardi u ikkaġunalu feriti ta’ natura gravi skond kif iċċertifika Dr. Tania Mizzi M.D.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ marzu, 2003 fejn deher France Azzopardi li nforma lill-Qorti li l-feriti li ġarrab kienu ta’ natura ħafifa u għaldaqstant qed jirtira l-kwerela kontra l-imputat. Il-prosekuzzjoni nfurmat l-Qorti li m’għandhiex provi xi tressaq.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel żewġ akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi. Fir-rigward tat-tielet akkuża tiddikjara l-proċediment ezawrit.

--------------------------------TMIEM--------------------------------